

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11562/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0168/B (NLE)

PECHE 273
N 63

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023

l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194¹ jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) stabbiliti bir-Regolament (UE) 2023/194 jiġu emendati biex jitqiesu l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

- (2) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi TAC proviżorja għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġi tad-diviżjoni 3a tal-ICES għall-2023. L-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet fuq il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024. Dawk il-konsultazzjonijiet saru abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2023. Fid-29 ta' Ġunju 2023, l-Unjoni u n-Norveġja qablu dwar TAC fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant ta' 6 076 tunnellata, li minnhom 4 253 tunnellata għandhom jiġu allokatu lid-diviżjoni 3a tal-ICES. Dak il-livell tat-TAC jikkorrispondi għal dak li kien ikun il-livell tal-parir tal-ICES għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 li kieku l-parir kien ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-opportunitajiet tas-sajd ma ntużawx kompletament fl-ewwel nofs tal-2023 u li 900 tunnellata baqgħu ma nqabdux fl-1 ta' Lulju 2023. Skont iċ-ċifri tal-qbid ipprovduti mill-Unjoni u min-Norveġja, dik is-suppożizzjoni sussegwenti taqbel mal-livell ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd fl-1 ta' Lulju 2023. Sabiex issir tranżizzjoni mill-istabbiliment ta' TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES darbtejn fis-sena għal tali stabbiliment darba fis-sena jenħtieġ li: (i) it-TAC proviżorja għal dak l-istokk għall-2023 tiġi sostitwita b'TAC definittiva għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2023 fil-livell maqbul man-Norveġja fis-17 ta' Marzu 2023, u (ii) it-TAC għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 tiġi stabbilita fil-livell maqbul man-Norveġja fid-29 ta' Ġunju 2023.

- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/194 jiġi emendat skont dan.
- (4) Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.
- (5) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023 u mill-1 ta' Lulju 2023 rispettivament. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati jew żdiedu nkella għadhom ma ġewx eżawriti,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194

L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, il-punt 2 tal-Anness għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Il-Parti B tal-Anness IA qed tiġi emendata kif ġej:

- (1) it-tabella għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjoni 3a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	3a (PRA/03A.)
Id-Danimarka	1 429 ⁽¹⁾	TAC analitika	
L-Iżvezja	769 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
L-Unjoni	2 198 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
It-TAC	4 117 ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2023.			

”;

(2) it-tabella li ġejja tiddaħħal wara t-tabella għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjoni 3a tal-ICES:

"

Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	Żona:	3a (PRA/03A.2)
Id-Danimarka	1 476 ⁽¹⁾	TAC analitika	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.
L-Iżvezja	795 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
L-Unjoni	2 271 ⁽¹⁾		
It-TAC	4 253 ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.			

"
